**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tad-09 ta' Frar, 2018

Kawza numru: 401/2017 AM3

Numru fuq il-lista: 30

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa MRS 1501**

**Vs**

**Alfea Scerri (328384M)**

**3, Sqaq it-Torri Numru 4,**

**Mosta**

It-Tribunal ,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-31 ta' Awwissu, 2017 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenuta s-somma ta' hames mija u tmienja u disghin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€598.78c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 55078620.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deheret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Għaldaqstant, wara li t-Tribunal sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma li l-ammont ghadu dovut issib li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tmienja u disghin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€598.78c) bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali 1632/16 cioe' mit-18 ta' Awwissu, 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1632/16 a kariku tal-konvenuta.

**Anna Mallia**
**Gudikant**